

# ART IN DEMOCRACY

IL-ĠLIEDA FAVUR IL-VALURI DEMOKRATIĊI MINN  
GĦAJNEJN ARTISTI KONTEMPORANJI EWROPEJ



Parlament Ewropew

© Unjoni Ewropea, 2023

Din il-pubblikazzjoni ġiet prodotta fil-Lussemburgu għal skopijiet ta' informazzjoni fl-okkazzjoni tal-wirja Art in Democracy mill-kollezzjoni tal-arti Kontemporanja tal-Parlament Ewropew, bil-għan li tipprovdi referenza edukattiva dwar l-isfond u l-wirt artistiku tal-artisti li x-xogħlijiet tagħhom jintwerew, u ta' jippreservaw u jippromwovw l-kontribut tagħhom għall-wirt kulturali Ewropew.

Din il-pubblikazzjoni hija maħsuba strettament għal użu mhux kummerċjali fil-bini tal-Parlament Ewropew. L-użu, ir-riproduzzjoni jew id-distribuzzjoni mhux awtorizzati tal-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni huma strettament projbiti. Użu ulterjuri ta' ċerti stampi lil hinn mill-għanijiet maħsuba hawnhekk jista' jkun limitat mid-drittijiet tal-awtur tal-artisti jew partijiet terzi oħra. Il-Parlament Ewropew jiċċhad kull responsabbiltà li tista' tinħoloq fir-rigward ta' użu mhux awtorizzat.

Kull riproduzzjoni, adattament, modifika parzjali jew trażmissjoni mill-ġdid permezz tat-televiżjoni, servizz tal-cable jew online tar-repertorju ta' SABAM huwa pprojbit, għajr bl-awtorizzazzjoni minn qabel min-naħa ta' SABAM, Société belge des auteurs, compositeurs et éditeurs, rue d'Arlon 75-77, 1040 Brussell, il-Belġju.

Tel.: : 02/286.82.80,

Internet: <http://www.sabam.be>

Posta elettronika: [visual.arts@sabam.be](mailto:visual.arts@sabam.be)

<b>GĦALIEX L-ARTI FID-DEMOKRAZIJA?</b>	<b>4</b>
<b>1. L-UNJONI EWROPEA. IL-PROĠETT TA' KOSTRUZZJONI EWROPEA. ID-DEMOKRAZIJA U R-REGOLI TAGĦHA</b>	<b>6</b>
<b>2. INVOLVIMENT ĊIVIKU U POLITIKU</b>	<b>10</b>
<b>3. IR-RELAZZJONI TAĊ-ĊITTADINI MAL-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA U L-ĠUSTIZZJA</b>	<b>12</b>
<b>4. IR-RISKJI U L-PERIKLI GĦAD-DEMOKRAZIJA.</b>	<b>14</b>
<b>5. IL-MEDIA TAL-MASSA U D-DEMOKRAZIJA</b>	<b>20</b>
<b>6. ID-DEMOKRAZIJA U T-TRASFORMAZZJONIJIET URBANI</b>	<b>24</b>
<b>7. ID-DEMOKRATIZZAZZJONI TAL-ARTI</b>	<b>26</b>
<b>NOTI</b>	<b>29</b>
<b>RIŻORSI ADDIZZJONALI</b>	<b>30</b>

**NIŻŻEL IL-KITT  
PEDAGOĠIKU  
GĦALL-EDUKATURI  
U HU L-WIRJA  
MIEGĦEK FIL-KLASSI**



**GĦALIEX L-ARTI FID-DEMOKRAZIJA?**

X'inhi d-demokrazija? Għaliex l-Unjoni Ewropea ħaddnet il-valuri demokratiċi? Il-Kollezzjoni ta' Arti Kontemporanja tal-Parlament Ewropew tinkludi numru sinifikanti ta' bçejeċ tal-arti li jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati dawn il-mistoqsijiet u jippermettulna nifhmu aħjar kif id-demokrazija għet interpretata minn artisti viżivi minn pajjiżi differenti tal-kontinent.

L-xogħlijiet artistiċi magħżula jistgħu jiġu definiti bħala viżjonijiet kritiċi u personali ta' kull wieħed mill-artisti li qed jipparteċipaw, li ħadu pożizzjonijiet ċari favur il-ħarsien tad-demokrazija permezz tal-produzzjoni tagħhom. Huma jikkontribwixxu biex jssaħħaħ l-għarfien dwar il-ħtieġa li niddefendu l-libertajiet demokratiċi, jindikaw id-dmir li nibqgħu attenti u li nieħdu sehem fi proċessi tant deċiżivi bħall-elezzjonijiet Ewropej. F'dan il-kuntest, huma jfakkruna li ċ-ċittadini Ewropej ukoll għandhom rwol x'jimlew għall-ħarsien tad-demokrazija billi jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin, f'Ġunju 2024.

Barra minn hekk, in-narrattiva tal-wirja għandha l-għan li tipprovdi perspettivi validi dwar aspetti ewlenin li teħtieġ kwalunkwe demokrazija f'saħħitha, bħar-rispett lejn ir-regoli u involviment politiku neċessarju mis-soċjetà. Minbarra kwistjonijiet relevanti oħrajn li jinvolvu sfidi u huma ta' eżami għall-valuri demokratiċi tagħna, bħar-relazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet, ir-rwol tal-midja tal-massa fl-għoti ta' informazzjoni ċara u affidabbli, il-limiti tas-setgħa tal-Istat quddiem il-ħajjiet u l-inizjattivi privati taċ-ċittadini, jew il-movimenti migratorji u transfruntieri.

Xi xejriet importanti fl-arti kontemporanja jagħtu ħarsa riflettiva u kritika lejn ir-realtajiet soċjali u politiki tad-dinja moderna, spiss b'dożi ta' ironija, sarkażmu, xettiċiżmu jew imrar. F'dan is-sens, huma kkaratterizzati ferm mill-impenn intellettuali, etiku, u f'xi każijiet bla dubju ta' xejn politiku li ħaddnu tant artisti fis-sekli 20 u 21.

L-arti spiss tista' tieħu perspettiva kritika li tippenetra u tmur lil hinn mid-dehra immedjata tal-ħajjiet ta' kuljum tagħna, u b'hekk tikxef aspetti tagħna li spiss jibqgħu fid-dlam, titfa' dawl fuq veritajiet inkonvenjenti u tqajjem kwistjonijiet etiċi u storiċi. Din hija arti maħsuba biex twissi u tagħti parir, tikkummenta b'mod luċidu u tqanqal il-ħsieb.

L-arti hija għodda b'saħħitha għall-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar problemi differenti, peress li tippermetti espressjoni b'modi li l-lingwi, bil-kitba jew bil-fomm, ma jippermettux. L-arti għandha l-kapaċità li ċċaqlaq u tgħaqqad. Għandha l-kapaċità li tqanqal ħsiebijiet u ideat, u tkun il-punt tat-tluq għal djalogu ċiviku, għal konverżazzjonijiet aktar profondi dwar x'inhu relevanti għall-komunità, u li tkisser il-polarizzazzjoni li teżisti rigward ċerti kwistjonijiet.<sup>1</sup>

Fix-xenarju attwali tal-arti viżiva hemm xejriet b'ismijiet bħal Artiviżmu, Art Impenjata, Arti Komunitarja, Arti Ekoloġika, eċċ., li jinterpretaw il-funzjoni tal-arti bħala arma ta' protesta, bħala espressjoni ta' kwistjonijiet u problemi ta' natura politika, u għaldaqstant suxxettibbli għal dibattitu f'demokrazija.

L-arti mbagħad issir mezz ta' komunikazzjoni u għodda politika ffukata fuq il-bidla u t-trasformazzjoni tas-soċjetà: lingwa li tmur oltre d-dinja akkademika u storika biex tilħaq oqsma oħrajn u tasal għand udjenza usa'. Din kienet waħda mill-ambizzjonijiet li, taħt strateġiji u objettivi differenti, ħeġġet it-twelid ta' bosta mill-avangwardji artistiċi tas-seklu 20, bħad-Dadaizmu, is-Surrealiżmu u aktar tard l-Arti Kunċettwali.

Ftit li xejn kien hemm inizjattivi artistiċi, organizzati b'mod kollettiv jew f'għamla ta' movimenti, li adottaw il-kelma "demokrazija" f'isimhom. Każ wieħed fejn intuża t-terminu, u ġie inkorporat fl-isem ta' kollettiv artistiku, seħħ fl-1974 meta ġie ffurmat il-grupp "Artisti għad-Demokrazija", li kien jimmira lejn: "mira ċara u enfatika: li nesprimu solidarjetà mat-taqbidiet politiki internazzjonali.

Il-prattiki artistiċi sperimentali adottati mill-grupp kienu jikkostitwixxu mhux biss modi ġodda kif issir l-arti, iżda anke metodi alternattivi kif jiġu espressi l-ħsieb politiku u atti politiki. (...) Artisti għad-Demokrazija sarraf is-solidarjetà f'att politiku kreattiv".<sup>2</sup>

Wieħed m'għandux jinsa li x-xogħlijiet artistiċi li jiffurmaw din il-wirja, bħal ħafna oħrajn murija f'kollezzjonijiet u wirjiet madwar l-Ewropa, nibtu prinċipalment mill-possibbiltà li toffri soċjetà demokratika lil individwi sabiex jesprimu liberament l-opinjoni u l-ħsiebijiet tagħhom permezz ta' mezzi diversi. Wieħed minn dawn il-kanali ta' komunikazzjoni huwa dak artistiku, marbut mal-iżvilupp tal-intelliġenza u tal-ħsieb kritiku, kif rikonoxxut mill-Parlament Ewropew:

*"Il-promozzjoni tad-diversità kulturali Ewropea u tal-għarfien dwar l-għeruf komuni hija bbażata fuq il-libertà tal-espressjoni artisitka, il-kapaċità u l-kompetenzi ta' artisti u operaturi kulturali, l-eżistenza ta' setturi kulturali u kreattivi li qed jiffjorixxu u reżiljenti fid-dominju pubbliku u dak privat u l-kapaċità tagħhom li joħolqu, jinnowaw u jipproduċu x-xogħlijiet tagħhom u jqassmuhom lil udjenza Ewropea kbira u diversa".<sup>3</sup>*

*"billi l-UE tirrappreżenta rikkezza immensa ta' diversità kulturali, soċjali, lingwistika u reliġjuża; billi, f'dan il-kuntest, il-valuri konġunti li jgħaqqdu flimkien is-soċjetajiet tagħna, bħal-libertà, il-ġustizzja soċjali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, it-tolleranza u s-solidarjetà, huma kruċjali għall-futur tal-Ewropa; (...) Jenfasizza l-kontribut rikki li tagħti l-produzzjoni artistika Ewropea għad-diversità kulturali kif ukoll ir-rwol li tiżvolġi biex tifrex il-valuri tal-UE u tħeġġeġ liċ-ċittadini Ewropej jiżviluppaw il-ħsieb kritiku tagħhom (...)"<sup>4</sup>*

# 1. L-UNJONI EWROPEA. IL-PROĠETT TA' KOSTRUZZJONI EWROPEA. ID-DEMOKRAZIJA U R-REGOLI TAGĦHA

Nibdaw dan il-vjaġġ artistiku madwar id-demokrazija b'sett ta' xogħlijiet li jimmaterjalizzaw viżjonijiet pożittivi u eċitanti dwar it-tweqqi tal-proġett Ewropew.

Fi tmien is-snin 80, **Françoise Schein** iproduċiet sensiela ta' pannelli li jixbhu lill-kontorni ta' għoljiet u widien, li r-referenzi formali tagħhom jistgħu jinstabu fil-pjanijiet għal żvilupp urban ta' bliet kbar moderni jew f'mapep ta' rotot infrastrutturali u ta' komunikazzjoni (linji tal-metro u tal-ferrovija, toroq ewlenin, passaġġi bl-ajru).

Ix-xogħol tagħha **Ideoglyphe Européen (1988)** jikkonsisti f'disinn labirintiku ta' rotot u direzzjonijiet kontra xulxin, imrikkbin fuq wiċċ tal-metall li tħalla jissaddad apposta; network ta' toroq iserrpu li fihom jidhru jnemmu bozoz elettriċi żgħar impoġġjin fejn huma l-bliet kapitali tal-UE fuq mappa tal-kontinent. Dan l-arranġament huwa komplut b'ringiela ta' arloġġi żgħar li jindikaw iż-żoni tal-ħin, li skont l-intenzjoni ta' Schein, għandhom jiġu kollha ssettjati kif xieraq bħala sinjal ta' fehim u qbil bejn il-pajjiżi: *"mettre des montres à l'heure = signe de l'entente, accord"*.<sup>5</sup>

Fil-1997, meta nxtara dan ix-xogħol artistiku u gje ppreżentat fil-Parlament Ewropew, Schein iddefinixxiet dan il-pannell bil-kontorni ta' għoljiet u widien bħala *"xogħol astratt li fil-fatt jindirizza l-kwistjoni tal-konstruzzjoni Ewropea. Dan ix-xogħol, li jiddeskrivi l-fruntieri ta' kontinent f'moviment u dinamiku ferm, gje kkonċepit sentejn qabel il-waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin. Din l-iskultura, li hija premonitorja ta' avveniment li kellu jhejżez l-Ewropa wara t-Tieni Gwerra Dinjija, għamiltha wara li għext fi New York għal għaxar snin, li kien perjodu ta' assenza u tbeġħid li bla dubju ppermetteli nifhem, grazzi għall-fatt li stajt inħares minn ċertu distanza, il-koeżjoni li teżisti bejn il-pajjiżi kollha tal-Ewropa, koeżjoni maħluqa minn poplu wieħed: l-Ewropej"*.<sup>6</sup>

Schein iddeskriviet ukoll lil **Ideoglyphe** bħala l-ewwel wieħed minn sensiela twila ta' xogħlijiet f'format kbir li bdiet taħdem fuqhom fl-1989. Il-proġett internazzjonali dwar arti urbana tagħha, żviluppat f'diversi stazzjonijiet tal-metro fi bliet kapitali Ewropej, ukoll kien isegwi ħsieb fundamentali: in-network, bil-għan li tesprimi r-relazzjoni mill-qrib bejn l-għarfien u d-demokrazija.<sup>7</sup>

Oġġett emblematicu ieħor li jindirizza l-funzjoni ewlenija tal-Parlament Ewropew bħala l-mutur tad-demokrazija parlamentari fil-kontinent huwa **European Parliament (1979)**. L-awtur tiegħu John Vassar House, iddisinja oġġett li jixbah boxxla kbira, astrolabe jew strument xjentifiku ta' navigazzjoni, li b'mod simboliku jirrappreżenta mument speċifiku fl-istorja tal-proġett Ewropew, fl-1979:

*"Ix-xogħol European Parliament huwa tiffkura tal-elezzjonijiet tal-1979 u jirrappreżenta mument meta diversi pajjiżi Ewropej kienu waslu biex jissieħbu fl-Unjoni. Il-pajjiżi eżistenti huma parti miċ-ċirku bil-forma distintiva tagħhom ta' feles biex jiffurmaw ċirku magħqud: Il-membri l-ġodda huma lesti li jissieħbu bħala parti minn qawwa ċentrifugali"*.<sup>8</sup>

Barra minn hekk, il-morfoloġija tal-iskultura kienet tinkludi referenza sinifikanti għat-tqassim tas-setgħat fi ħdan il-Komunità Ewropea:

*"Iċ-ċirku żgħir laminat li jdur mal-fus ta' 3 pinnijiet tiegħu - li jirrappreżentaw lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Ġudikatura - jirrappreżenta l-mekkaniżmu ta' funzjonijiet mhux leġiżlattivi"*.<sup>9</sup>

Dawn il-prinċipji nebbieħa ġew tradotti f'mekkaniżmu ta' rotazzjoni faxxinanti, boxxla jew arloġġ immaġinarju li, ippożizzjonat f'inklinazzjoni dinamika fuq il-fus tiegħu, jimmarka l-movimenti ta' azzjoni kkoordinata bejn il-pajjiżi li kienu jiffurmaw l-Unjoni Ewropea fl-1979 u daww li kienu qed jistennew biex jissieħbu ftit wara.

Billi kien iddisinja din l-iskultura bħala *"tfakkira viżiva tal-mument immensament storiku meta seħħet l-ewwel votazzjoni universali għall-Parlament Ewropew"*, Vassar ta aktar indikazzjonijiet dwar it-tisfira tagħha: *"L-elementi taċ-ċirku li għandhom forma ta' feles huma d-9 pajjiżi membri, kull wieħed b'daq li jirrifletti s-saħħa tiegħu fil-votazzjoni. L-uċuħ ta' barra tagħhom jesprimu l-individwalità tal-pajjiżi, filwaqt li l-wiċċ ta' ġewwa taċ-ċirku jirrappreżenta l-fużjoni tagħhom f'unità waħda: il-Parlament Ewropew."*

*Tliet movimenti kontra l-arloġġ fuq iċ-ċirku ta' ġewwa rispettivament b'lura Franza - Ġermanja, Benelux - Italja u Danimarka - Gran Brittanja - Irlanda bħala kronoloġija ta' kooperazzjoni Ewropea riċenti. Il-Greċja ħadet il-qagħda lesta biex tidħol fiċ-ċirku. Il-bażi, li tissimbolizza lill-elettorat, hija magħmula minn fluss ta' diversi kurrenti politiċi li fuqhom isserraħ l-istruttura Parlamentari kollha kemm hi. Dawn il-kurrenti jilħqu l-qofol tagħhom bħala forza kinetika, li tagħti impuls lill-attivitatijiet tal-Parlament."*<sup>10</sup>

Il-kamra fejn kienet tirsriedi s-setgħa leġiżlattiva tal-Komunità Ewropea kienet rappreżentata f'**Hémicycle Strasbourg (1987)**, li turi aspekk tal-emiċiklu waqt sessjoni sħiħa ppreseduta minn P. Daenkert fl-1987, aktarx meħuda minn ritratt ta' dak il-perjodu u interpretata b'mod pittoriku minn **John Goudie Lynch** bi preċiżjoni dokumentarja u b'teknika pulita.



Ritratt mibgħut minn J. G. Lynch: preżentazzjoni tal-pittura fil-Parlament Ewropew, madwar 1987-1988.

Qrib l-emiċiklu l-ieħor kbir tal-Parlament Ewropew, fi Brussell, hemm il-monument **Confluences (1989)**, tal-iskultur Belġjan Olivier Strebelle, li jissfida l-gravità f'dan ix-xogħol artistiku, li huwa fost l-aktar xogħlijiet teknikament kuraġġużi tiegħu. Dan l-artist rama' siġra tal-azzar, zokk ċilindriku b'saħħtu li jogħla mill-art u joħroġ ħafna friegħi fil-forma ta' tubi f'qatgħat li jiltaqgħu, jinfirxu u jitbandlu fl-atrju tal-Binja Spaak. Hija struttura ħielsa u organika li tissimbolizza, kif jgħid it-titolu tagħha, sfera ta' konfluwenzi u laqgħat, ta' fraternità u fehim tajjeb li għandhom ifittxu n-nazzjonijiet Ewropej sabiex iżommu fl-iskambji u fl-intrapriżi komuni tagħhom.<sup>11</sup>



**OLIVIER STREBELLE (1927–2017)**

il-Belġju

**CONFLUENCES, 1989**

Azzar inossidabbli llustrat; 3200 x 1400 x 1300 cm

Mogħti mill-artist fl-1992



**FRANÇOISE SCHEIN (\*1953)**

il-Belġju

**IDEOGLYPHE EUROPÉEN, 1988**

Pannell tal-metall imsaddad; 200 x 200 x 40 cm

Mogħti minn Suzanne Delevoy fl-1996





**JOHN VASSAR HOUSE (1926–1982)**

L-Istati Uniti tal-Amerka

**PARLAMENTO EUROPEO 1979, 1979**

Bronż fuq pedestall tal-injam; 95 x 165 cm

Mogħti lill-President Colombo mill-Istat Taljan fl-1979



**JOHN GOUDIE LYNCH (\*1946)**

In-Netherlands

**HÉMICYCLE STRASBOURG, 1987**

Żejt fuq pannell; 96 x 194 cm

Mogħti mill-artist

## 2. INVOLVIMENT ĊIVIKU U POLITIKU

Ir-ritratti ta' **Tomki Nēmec** ta' diversi episodji mill-karriera politika ta' **Vaclac Havel**, ir-ritratt ta' **Paul Henry Spaak** minn **Fabian Edelstam**, poster tal-**Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb** (edizzjoni tal-1993) u t-**typewriter** ta' **Josef Antall** - xhieda tal-attività intellettwali u politika ta' sidha - , dawn kollha jirreferu għal karattri emblematiċi li jirrappreżentaw il-ġlieda għal-libertà u l-valuri demokratiċi fl-Ewropa: eżempji illustri ta' kif l-impenn, il-ħidma tenaċi u t-tmexxija ta' ċerti figuri politiċi jikkostitwixxu elementi essenzjali biex id-demokrazija parlamentari tissawwar u tiffjorixxi.

Nēmec kien jaf kif jgħaqqad flimkien l-urġenza tar-rappurtar ġurnalistiku u s-sens tal-verità li tagħti l-fotografija dokumentarja. Huwa rnexxielu jaqbad mhux biss l-aspetti pubbliċi u politiċi tal-mixja ta' Havel, iżda anke l-lat l-aktar personali u vulnerabbli tiegħu, bħaż-żmien li qatta' l-ħabs jew in-naturalità li biha kien jindirizza lin-nies.

Id-demokrazija teftiegħ l-eroj tagħha, mhux biss daww pubbliċi u magħrufin, iżda anke daww anonimi, bħan-nies ordinarji li jidhru fil-ġabra ta' ritratti ta' **Paul Graham**; nies li spiss inqabdu b'mod każwali u spontanju, fit-triq jew ġewwa. Fir-ritratt tal-Kollezzjoni tal-Arti, daww l-istess nies, paradossalment, huma preżenti permezz tal-assenza tagħhom f'kantuniera umli tal-belt ta' Belfast, okkupata minn sempliċi bank tal-konkos.

Min-naħa l-oħra, il-gouache **Wähle! (1979)**, - ta' **Jörg Immendorff** - pittur li kien jifhem l-arti bħala rimedju għat-tiġrib soċjali u politiku - huwa parti minn żmien meta pproduċa s-sensiela ta' pitturi l-aktar famużi tiegħu, **Cafe Deutschland (1977-1982)**<sup>12</sup> - . Dan ix-xogħol ċkejken fuq il-karta - **Wähle!** - huwa sejħa mqanqla biex in-nies jikkellmu b'mod liberu u jagħżlu bejn diversi alternattivi, u b'hekk jiġbed l-attenzjoni għal parteċipazzjoni attiva fi kwistjonijiet li jikkonċernaw il-ħajja ċivika.



POSTER TAL-PREMJU SAKHAROV GĦAL-LIBERTÀ TAL-ĦSIEB (1993)



**FABIAN EDELSTAM (\*1965)**

l-Iżvezja

**PORTRAIT OF PAUL-HENRI SPAAK, 2013**

Taħlita ta' materjal fuq it-tila; 140 x 110 cm

Mogħti mill-artist fl-2014



**PAUL GRAHAM (\*1956)**

Ir-Renju Unit

**MINGĦAJR TITOLU, BELFAST (BANK TAL-KONKOS), 1988**

Ritratt fuq l-aluminju; 75 x 100 cm

Mixtri mill-Gallerija Anthony Reynolds (Londra) fl-1993



**JÖRG IMMENDORFF (1945–2007)**

il-Ġermanja

**WÄHLE, 1979**

Gouache fuq il-karta; 28 x 21 cm

Mixtri mill-Galerie Rudolf Zwirner (Cologne) fl-1983



**IT-TYPEWRITER TA' JOSEF ANTALL**

l-Ungerija

Il-Kollezzjoni tal-Arti u l-Kultura tal-Parlament Ewropew

### 3. IR-RELAZZJONI TAĊ-ĊITTADINI MAL-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA U L-ĠUSTIZZJA

Ir-relazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet – kemm governattivi kif ukoll mhux governattivi –, li spiss tkun mgħobbija b'nuqqas ta' fiduċja, hija t-tema fundamentali li wieħed jista' jinnota f'xi xogħlijiet fil-kollezzjoni, bħal *Girokantoor* ta' John Goudie Lynch (1983) u *Power is Work, Work is Power* ta' Hannah Collins (1990).<sup>13</sup>

Il-pittura ta' J. G. Lynch turina t-tieqa ta' uffiċċju li joffri xi servizz, li jista' jkun bank, ministeru jew aġenzija pubblika. Jekk inħarsu mill-qrib, ser ninnutaw ir-riflessjoni ta' persuna fil-ħġieġa - mara qed iġġorr żewġ basktijiet jew bagalji - u l-ġest ambigwu, li diffiċli jiġi ddecifrat, ta' żewġ impjegati jew uffiċjali wara l-ħġieġa u s-sinjal - "Gesloten" - li juri li l-istabbiliment laħaq għalaq. Din is-sitwazzjoni ta' kuljum, impittra u nkwadrate minn Lynch, tieħu dimensjoni ta' paradigma u kritika, u tenfasizza ċ-ċaħda tal-komunikazzjoni u assistenza mill-poter (l-istituzzjoni jew l-amministrazzjoni) lejn ċittadin li mar jagħmel talba.

Id-distanza, li jidher li ma tistax tingħeleb, tkompli tiġi enfasizzata fid-diptiku fotografiku ta' Hannah Collins *Power is Work, Work is Power* (1990), fejn Avukat Għoli (Queen's Counsel) li jidher fl-istampa u li huwa ddefinit mis-simbolu tal-poter politiku tiegħu, il-parrokka, jagħti daharu lil min qed iħares lejn l-istampa u jsir figura impersonali u inaċċessibbli.

B'kuntrast maż-żewġ xogħlijiet ta' qabel, it-tpinġija zġhira ta' Galli tagħtina l-idea ta' dedikazzjoni leġġera u libera lill-uffiċċju tas-sigurtà soċjali jew l-uffiċċju tal-pensjoni.



**JOHN GOUDIE LYNCH (\*1946)**

In-Netherlands

**GIROKANTOOR, 1983**

Żejt fuq pannell; 60 x 52 cm

Mixtrija mingħand l-artista fl-1983



**GALLI (\*1944)**

il-Ġermanja

**AN DAS VERSORGUNGSAMT**

**(LEJN L-UFFIĊĊJU TAL-BENESSERI SOĊJALI), 1983**

Crayon fuq il-karta; 30 x 21 cm

Mixtri mill-Galerie Georg Nothelfer fl-1983



**HANNAH COLLINS (\*1956)**

Ir-Renju Unit

**POWER IS WORK, WORK IS POWER, 1990**

Print bil-Fidda fil-Ġelatina; (diptiku) 120 x 190 cm kull wieħed

Mixtrija mingħand l-artista fl-1993



## 4. IR-RISKJI U L-PERIKLI GĦAD-DEMOKRAZIJA.

Il-polarizzazzjoni tal-kunflitti u tan-nuqqas ta' qbil bejn komunitajiet differenti, il-biża' minn sorveljanza u kontroll futuri u eċċessivi tal-individwi, huma temi u tħassib riflessi f'sensiela ta' xogħlijiet li jirriflettu stati ta' kriżi u skumdità, u li jgħieghluna nieħdu pożizzjoni konxja vis-à-vis ir-realtajiet li jinterpretaw.

Willie Doherty ħa ritratti ta' pajsaggj urban, triq baħħ f'raħal twelidu Derry mdawra bi ċpar imdawwal; ir-residenti huma assenti jew maqfulin ġo djarhom. Bl-użu ta' elissi, huwa jaqbad sitwazzjoni kkaratterizzata minn vjolenza u tensjoni moħbija, u jpoġġilha t-tikketta **Endurance** - li tindika reżistenza, tenaċità, integrità.<sup>14</sup>

Għaldaqstant Doherty jagħżel li joħloq rabta bejn il-kelma u l-immaġni, li hija tattika diġà pprattikata fis-seklu 20 mid-Dadaizmu, is-Surrealiżmu u aktar tard mill-Arti Kunċettwali. Huwa juża din ir-riżorsa semantika b'referenza għall-kunflitt storiku, politiku u soċjali esperjenzat fl-Irlanda ta' Fuq, u jaċċenna għall-messaġġi u l-graffiti mpinġijin fuq il-ħitan madwar Derry biż-żewġ naħat iħarsu lejn xulxin.<sup>15</sup>

Dawn huma messaġġi lakoniċi, u mal-ewwel daqqa t'għajn, enigmatiċi, bħal dawk fid-diptiku: **Many have eyes but cannot see (1992)**. Fuq il-ġwienaħ tax-xellug u tal-lemin, il-kliem: "Blind spot" (punt li ma jidhirx) u "Vanishing point" (punt li jisparixxi) forsi jaċċennaw għażoni li ma jidhru, inviżibbli li s-sorveljanza, kemm jekk bil-kameras jew b'patrulji, ma tistax tilħaq.<sup>16</sup>

L-għajn, li għandha l-potenzjal li tara, u mingħajr ma trid, tiskrutinizza ċerti żoni tat-territorji u tal-ħajja soċjali, tikkostitwixxi element ikonografiku ta' tħassib fix-xogħol fotografiku imdawwal minn wara tad-duo TwoFourTwo - **Believe in me (2005)**, fejn kappel tal-għajn kbir ta' għajn ta' bniedem jispikka minn wara xatba tal-metall li tixbah il-vireg tal-azzar f'ħabs.

Imnebbaħ minn kuntest storiku-soċjali speċifiku, Doherty ħoloq immaġni - **Endurance** - li t-tifsira tagħha, jekk ninjoraw l-isfond ġeografiku u politiku tagħha, tista' tiġi estrapolata ġenerikament għal kwalunkwe post jew sitwazzjoni oħra fejn is-soċjetà ċivili tibqa' toffri reżistenza ta' appoġġ u siekta quddiem theddida partikolari. Barra minn hekk, ix-xogħol ta' Doherty jinvolvi r-rieda li tinżamm ħajja l-memorja tal-avvenimenti li wasslu għall-kunflitt. Minnhom tista' tinsilet twissija dwar il-bżonn li titkattar il-kapaċità ċivika u kreattiva tas-soċjetajiet biex isolvu l-problemi paċifikament, jipromwovu l-kooperazzjoni u jevitaw sitwazzjonijiet estremi u vjolenti, bħal dik murija f' **The Convert (1992)** ta' James Hanley.<sup>17</sup>

Meta l-Istat jiġi ttrasformat f'apparat li jbeżża', li ma jaqdx liċ-ċittadini iżda li jużahom u jinvasi l-privatezza tagħhom, hemm jieħu l-għamla monstruża ta' Ġgant mitoloġiku. Dan jidher ħiereġ minn ġo oċean, fil-pannell ċentrali tat-Triptiku Apokalittiku ta' Andrey Daniel **Trilogy: The Elusive Meaning of Cause and Effect: To Bruegel, The Mating Season of the Leviathans, The Death of Worker X (2009)**.

Ir-referenza li qed jagħmel Daniel aktarx hija għal *Leviathan* (1651) ta' Thomas Hobbes, permezz ta' omaġġ lill-pittur tas-seklu sittax Pieter Bruegel the Elder. Speċifikament, aktarx qed jirreferi għal wieħed mill-kapolavuri ta' Bruegel: **Dulle Ġriet** (ca. 1564) - Kollezzjoni tal-Mużew Mayer van den Bergh, Antwerp -, li fih il-karattru ewlieni, Dulle Ġriet, qed iħares lejn il-bokka tal-infern, ippersonifikata bħala wiċċ ġgantesk.<sup>18</sup>

Bl-istess mod kif fis-seklu 16 il-pitturi ta' Bruegel setgħu jitqiesu bħala dokumenti viżivi ta' kultura popolari, il-karattri fit-triptiku ta' Daniel huma persuni ordinarji tas-seklu 21: turisti fuq il-pannell tax-xellug, ħaddiema tal-kostruzzjoni fuq il-lemin; f'daqqa waħda kollha kemm huma jgħaddu minn taqliba kożmika li tħarbitilhom ħajjithom sew.

Fil-Bulgarija, Daniel ġie rikonoxxut bħala "artist, mexxej tal-komunità, kollega, mentor, huwa stabbilixxa ruħu bħala wieħed mill-figuri ewlenin fl-arti li ta spinta lill-arti Bulgara lejn l-aħħar tas-seklu 20 u l-bidu tas-seklu 21". Kif irrimarka wieħed mill-aqwa esperti tax-xogħol ta' dan il-pittur, Daniel kien jgħid u jemmen li l-artisti għandhom jissintetizzaw it-tifsira: "*U jekk ma nitgħallmux nivvintaw it-tifsira, nissentetizzaw it-tifsira għalina u għall-oħrajn, għal gruppi kbar ħafna ta' nies, mela din l-eżistenza se tkun bħallikieku nkunu fi stat veġetattiv*".<sup>19</sup>

Perikli u diżastri oħrajn - it-terroriżmu, il-gwerra, il-vandaliżmu, eċċ. - li wkoll jheddu d-demokrazija u l-libertà, ġew mpinġija b'umoriżmu minn Flo Kaserau fis-sensiela ta' tpinġijiet **Fears of a Museum Director (2014)**. Dawn ix-xeni apparentement komiċi għandhom tifsira aktar profonda: jesprimu l-biża' minn futur inċert permezz ta' approċċ li huwa tipiku tal-cartoons ġurnalistiċi, billi juru repertorju ta' sitwazzjonijiet estremi u katastrofiċi li fihom kwalunkwe istituzzjoni pubblika jew privata tista' tkun involuta.

Ir-riskju ta' ħsieb mhux kritiku u ta' aljenazzjoni huwa rappreżentat allegorikament fix-xogħol ta' żejt fuq l-injam ta' Yannis Gaitis: **The Parade (1983)**. Hawn jintwerew il-prinċipji tal-iffullar żejjed, l-indottrinazzjoni u l-omoġenizzazzjoni, bil-komunalità tal-bniedem ittrasformata f'merħla lineari u aljenata ta' bnedmin identiċi bilwieqfa f'ringieli mrikkbin fuq xulxin. Gaitis jagħti laqta umoristika lil din il-folla riġida ta' individwi, u b'hekk jippermettilna ngħerru aħjar din ir-rappreżentazzjoni ta' sistema soċjali li hija fil-parti l-kbira tagħha uniformi.

Eventwalment, **End of the public road (1995)** ta' Dan Wolgers toħloq sentiment ta' inċertezza, fejn min josserva dan ix-xogħol jista' jagħraf lilu nnifsu fis-sewwieq tal-vettura rifless fis-sinjal blu metalliku fit-tarf tat-triq. Jekk nieħdu t-triq pubblika bħala immaġni metaforika taċ-ċivilizzazzjoni u l-istat tad-dritt, nistgħu nqisu dan ir-ritratt bħala twissija ambigwa dwar x'hemm iħuf lil hinn mill-ambitu fejn isaltan il-prinċipju taċ-ċertezza legali.



**WILLIE DOHERTY (\*1959)**

Ir-Renju Unit

**ENDURING, DERRY, 1992**

Ritratt abjad u iswed fuq l-aluminju, 125 x 190 cm  
 Mixtri mill-Gallerija ta' Matt (Londra) fl-1993



**DAN WOLGERS (\*1955)**

l-lžvezja

**HÄR SLUTAR ALLMÄN VÄG (SENSIELA)**

**END OF PUBLIC ROAD III, 1995**

Cibachrome, edizzjoni 1/3; 162 x 196 cm  
 Akkwistata mingħand Patrik Förberg



**WILLIE DOHERTY (\*1959)**

Ir-Renju Unit

**MANY HAVE EYES BUT CANNOT SEE, 1992**

Ritratti tat-Tip C bit-test (diptiku) (xellug: Punt li jisparixxi, lemin: Punt inviżibbli); 122 x 184 cm (kull wieħed)  
 Bit-tikketta (fuq wara) Akkwistati mill-Oliver Dowling Gallery (Dublin) fl-1992





**ANDREY DANIEL (1952–2019)**

il-Bulgarija

TRILOGIJA: THE ELUSIVE MEANING OF CAUSE AND EFFECT, 2009

TO BRUEGEL; THE MATING SEASON OF THE LEVIATHANS; THE DEATH OF THE WORKER X

Żejt fuq il-kanvas; 170 x 160 cm kull wieħed (triptiku)

Bl-inizjali u bid-data (isfel fuq ix-xellug għall-panelli tax-xellug u tan-nofs, isfel fuq il-lemin għall-pannell tal-lemin)

Mixtrija mingħand l-artista fl-2011





**FLO KASEARU (\*1985)**  
l-Estonja  
**FEARS OF A MUSEUM DIRECTOR, 2014**  
Lapes, karta  
65 × 50 cm (kull waħda)



**JAMES HANLEY (\*1965)**

l-Irlanda

**THE CONVERT, 1992**

Żejt fuq pjanċa, 175 x 121 cm

Bid-data u t-titolu (fuq wara)

Mixtrija mingħand l-artista fl-1993



**TWO/FOUR/TWO**

(GRUPP ARTISTIKU MWAQQAF FL-1996)


**COSTAS MANTZALOS (\*1963) U CONSTANTINOS KOUNNIS (\*1973)**

Ċipru

**BELIEVE IN ME, 2005**

Ritratt, perspex, metall, dawl; 62 x 60 cm

Mixtri mingħand l-artisti fl-2007



**YANNIS GAITIS (1923–1984)**

il-Greċja

**THE PARADE, 1983**

Żejt fuq l-injam; 160 x 115 cm

Iffirmata (isfel fuq ix-xellug)

Mixtrija mingħand l-artist fl-1983

## 5. IL-MEDIA TAL-MASSA U D-DEMOKRAZIJA

Ir-relazzjoni bejn il-poter, il-media u l-pubbliku hija kwistjoni taħraq fix-xogħlijiet ta' Olaf Metzel u Antoni Clavé. Ix-xogħol ta' Metzel, b'ton aktar espliċitu u provokattiv, jiffoka fuq il-konverżjoni tal-informazzjoni mill-media fi speċi ta' idolu ndurat bid-deheb.

Il-poter li tinforma - imma anke li tgħawweġ - il-perċezzjoni u l-opinjoni pubblika dwar ġrajjiet kurrenti hija tema rikorrenti fl-arti ta' Olaf Metzel. Il-pannell kbir *Il Messagero, mercoledì 12. October 1988 (1989)*, jikkonsisti f'matriċi tal-metall għall-istampar tal-gazzetta Taljana bl-istess isem tad-data fit-titolu. Il-kwistjonijiet ewlenin imnaqqxin fil-matriċi - ħtif ta' persuni, terror, traġedji - saru diffiċli li jingħarfu minn min illum josserva dan ix-xogħol minħabba l-wiċċ imxaqqaq mimli lavur ta' dan ix-xogħol f'riljiev bl-aluminju.

Il-pittura ta' Antoni Clavé tgħaddi immaġni dwar il-valur tal-aħbarijiet mill-mezzi stampati u t-tixrid tagħhom madwar l-ispazju urban. *New York II (1989)* jalludi għat-tixrid tal-kultura, iċ-ċiklu ta' użu kostanti, it-tkagħbir u s-sostituzzjoni tagħha. Il-poeżiji pop u l-użu ta' collage - stampi ta' gazzetti u rivisti applikati direttament fuq il-wiċċ - joħolqu armonija mal-produzzjoni artistika tal-Amerikan Robert Rauschenberg tas-snin sittin: immaġnijiet minsuġa f'arranġament li jixbah lil palinsest u mmarkati b'daqqiet tal-pinzell b'kuluri jgħajtu.

Ir-referenza għall-aħbarijiet, rappreżentata mill-gazzetti permezz ta' test u ritratti, hija l-pedament ukoll tal-kunċett ta' *Wall (2008)*, li fih l-artista tal-multimedia Anna Baumgart toħloq xena ta' sitwazzjoni stressanti u traġika mill-ħajja reali, meħuda minn punt speċifiku tal-istorja tal-Ewropa.

Fuq sieq minnhom ta' waħda mill-figuri hemm minquxa f'ittri kbar l-iskrizzjoni Reuters Forum - aġenzija tal-aħbarijiet - li tindika l-oriġini ikonografiku tal-grupp ta' skulturi. Fil-fatt, ir-referenza viżiva hija ritratt minn gazzetta li jimmortalizza grupp ta' persuni minn Berlin qed jaħrabu wara li ġew maħruġa minn djarhom f'Awissu 1961. Dakinhar li ttieħed ir-ritratt, kien qed isir kulma jmur aktar diffiċli biex wieħed jgħaddi minn naħa għall-oħra tal-ħajt li kien jaqsam il-belt fi tnejn u li kien qed isir ilqugħ mortali li għat-tliet deċennji ta' wara sar jissimbolizza l-firda ideoloġika profonda bejn il-blokk Sovjetiku u l-Punent. Sal-1989, meta twaqqaq l-ħajt, li kien mument storiku maqbud f'xi wħud mir-ritratti li jiffurmaw is-sensjela *Berlin (1990)* ta' Frank Thiel.

Baumgart tagħti referenza għall-oriġini fotoġurnalistiku tal-iskultura tagħha billi taqsam lil kull persuna f'żewġ nofsijiet distinti: tonalitajiet ta' griż fuq quddiem u rqaġja' solidi bojod fuq wara. Din id-distinzjoni tirrifletti l-oriġini b'żewġ dimensjonijiet tal-grupp u t-traspożizzjoni tiegħu minn ritratt għal spazju bi tliet dimensjonijiet.

Għalkemm l-iskultura hija ferm iktar astratta mir-ritratt oriġinali u ma turix l-uċuħ tal-individwi fid-dettall, Baumgart tagħti laqta' realista ħafna lil dan ix-xogħol artistiku billi toħloq mill-ġdid l-oġġetti li qed iġorru, inkluż it-texture tal-kaxxi u l-basktijiet. Is-sentiment ta' urġenza u biża', li joħroġ mill-pożizzjonijiet u l-mossi taċ-ċittadini ta' Berlin fir-ritratt, trattab daqsxejn fil-figuri tar-reżina, li huwa materjal użat spiss minn artisti kontemporanji impattanti li jipproduċu skulturi figurattivi, bħal Juan Muñoz jew Keith Edmier.



**OLAF METZEL (\*1952)**

il-Ġermanja

**IL MESSAGERO, MERCOLEDI 12. OTTOBRE 1988, 1989**

Matriċi ta' gazzetta fuq l-aluminju; 237 x 310 x 27 cm

Mixtri mill-Galerie Fahnemann (Berlin) fl-1990



**ANTONI CLAVÉ (1913–2005)**

Spanja

**NEW YORK II, 1989**

Mezzi mħalltin; 162 x 130 cm

Iffirmat u ddatat (isfel, fuq il-lemin)

Mixtrija mingħand l-artist fl-1991



**ANNA BAUMGART (\*1966)**

il-Polonja

**WALL, 2008 (ĠABRA TA' 5 SKULTURI)**

Reżina akrilika u żebgħa akrilika; 123 cm (l-għoli ta' kull figura)

Mixtri mill-Fundacja Lokal Sztuki (Varsavja) fl-2009



**FRANK THIEL (\*1966)**

il-Ġermanja

**MAUERABRISS IN DER HÖHE DES ALFRED DÖBLIN-PLATZES  
IN BERLIN-KREUTZBERG**

Sensiela Berlin (6 Ritratti) (1990)

19.50 x 58.50 cm

Self fit-tul mill-Kollezzjoni tal-Arti tal-Parlament Ġermaniż



**FRANK THIEL (\*1966)**

il-Ġermanja

**BRANDENBURGER TOR IN BERLIN, NOVEMBER 1989**

Sensiela Berlin (6 Ritratti) (1990)

19.50 x 58.50 cm

Self fit-tul mill-Kollezzjoni tal-Arti tal-Parlament Ġermaniż



**FRANK THIEL (\*1966)**

il-Ġermanja

**MAUER AN DER SCHILLING-BRÜCKE IN BERLIN-KREUTZBERG, JUNE 1990**

Sensiela Berlin (6 Ritratti) (1990)

19.50 x 58.50 cm

Self fit-tul mill-Kollezzjoni tal-Arti tal-Parlament Ġermaniż



**FRANK THIEL (\*1966)**

il-Ġermanja

**MAUER IN BERLIN-KREUTZBERG, DEZEMBER 1989**

Sensiela Berlin (6 Ritratti) (1990)

19.50 x 58.50 cm

Self fit-tul mill-Kollezzjoni tal-Arti tal-Parlament Ġermaniż



**FRANK THIEL (\*1966)**

il-Ġermanja

**MAUER AM MARTIN GROPIUS-BAU IN BERLIN-KREUTZBERG, JUNI 1990**

Sensiela Berlin (6 Ritratti) (1990)

19.50 x 58.50 cm

Self fit-tul mill-Kollezzjoni tal-Arti tal-Parlament Ġermaniż



**FRANK THIEL (\*1966)**

il-Ġermanja

**BERLIN-SPANDAU, JULI 1990**

Sensiela Berlin (6 Ritratti) (1990)

19.50 x 58.50 cm

Self fit-tul mill-Kollezzjoni tal-Arti tal-Parlament Ġermaniż

## 6. ID-DEMOKRAZIJA U T-TRASFORMAZZJONIJIET URBANI

Grupp ta' xogħlijiet koerenti minn artisti Bulgari jindirizza, b' mod kritiku u eżemplari, diversi aspetti tal-influenza li kellha l-inkorporazzjoni tal-Bulgarija fl-Unjoni Ewropea fuq il-ħajja tan-nies.

**Motif I (State Machine)**, ta' Nadezhda Oleg Lyahova, hija parti mill-proġett *Globally and on a Long-term Basis the Situation is Positive (2007-2009)*, li jinkludi sensiela ta' vidjows qosra fit-toroq ta' Sofia, kif ukoll sensiela ta' stampi diġitali fuq il-kanvas ("motifs") li juru immaġnijiet statiċi mill-vidjows imsemmijin.

Din l-immaġni diġitali stampata tirreferi għall-eċċessi tal-iżvilupp urban u tal-interventi tal-gvern fl-ipplanar ta' bliet kbar. Ir-ringieli ta' gafef, waħda waħda maġenb xulxin u f'linji orizzontali bħal armata ta' aljeni f'xi logħba vidjow primittiva, jissimbolizzaw il-ġenn għall-konstruzzjoni fuq skala kbira li ħakem lill-Bulgarija wara l-integrazzjoni tal-pajjiż fl-Unjoni Ewropea. Kif ikkummentat Lyahova nnifisha:

*"B'riżultat tal-adeżjoni tagħha fl-UE fl-1 ta' Jannar 2007, il-Bulgarija ingħatat status ta' membru sħiħ. Minn hemm bdew l-opportunitajiet li ttiparteċipa fil-proġetti "speċjali", "reġjonali", "innovattivi", "transfruntieri" u "multikulturali" kollha mmirati lejn l-implimentazzjoni tan-"normi tal-UE" u anke li jippermettulna nieħdu vantaġġ minn "firxa wiesgħa ta' opportunitajiet" offruti mill-UE. (...)*

*Mbagħad ġew l-investituri intraprenditorjali, li ġabu tagħmir u nies ta' kull xorta. Beda xogħol ta' konstruzzjoni intensiv. Il-ħoss tat-tagħmir tal-konstruzzjoni kien jidwi fl-inħawi. Il-konkos u l-ħadid ħa post il-ħaxix aħdar. Qalb ir-ragħad, it-tajn u sħab ta' trab, nies u magni entużjasti jagħtu sehemhom biex jibnu l-futur Ewropew tagħna".<sup>20</sup>*

Il-kontrapunt idealistiku għall-viżjoni kritika u xettika ta' Lyahova isib rappreżentazzjoni idillika fil-poster iddisinjat mill-illustratur u pittur Pollakk **Rafal Olbinski**, li juri personifikazzjoni femminili tal-Ewropa, f'armonija mal-mudelli pittorjali tar-Rinaxximent Taljan, riedqa fil-paċi quddiem xenarju bukoliku, waqt li mill-ħolm tagħha jfaqqsu binijiet emblematiċi tal-Polonja.

Il-pittura ta' Vasilena Gankovska tipprovdi viżjoni leġġera ta' tgawdija pura fi spazji urbani, fejn iż-żgħażaġħ jinġemgħu każwalment fuq il-mergħat ta' ħaxix tal-Park Burggarten ta' Vjenna - *An Afternoon at Burggarten #2* (2007) -.

Jekk ix-xogħol ta' Oleg Lyahova kien dwar belt ġdida li kienet għadha qed tinbena, il-fotografija diġitali tad-duo Missirkov u Bogdanov - *Weekend 2126. The Valchevs* (2008) -, min-naħa l-oħra, tħares lura lejn l-arkitettura istituzzjonali tar-reġim komunist; jiġifieri l-Memorial House tal-Partit Komunist tal-Bulgarija, Buzludzha (1981), li attwalment jitqies bħala relikwa monumentalista straordinarja, li għadha żżomm dehra futuristika, qisha tal-fantaxjenza.

Il-binja, fil-forma ta' UFO (speċi ta' plattina ttir Brutalista, retro-futurista), tispikka fl-isfond ta' pajsaġġ immaġinarju, li fih jidheru għaddejjin membri ta' familja lebsin kostumi folkloristiċi.

Kif semmew il-kritiċi:

*"F'Weekend 2126 - The Valchevs (2008), il-familja Valchev tintwera matul ħarġa f'jum xemxi, nhar ta' Ħadd, tippassiġġa bil-mod madwar ix-xaqlobiet tal-Għolja Buzludzha. Xi membri tal-familja qeġħdin saħansitra jikkomponu partitura mużikali bil-mod, ftit wara li l-ispace-ship tagħhom niżlet fuq din il-muntanja f'xenarju fejn mill-bqija, ma hemm xejn. Din ix-xena, għalkemm b'elementi tal-imgħoddi iżda b'laqta ġdida u tal-preżent kemxejn stramb, tappartjeni lill-futur, mill-anqas dak huwa ċar. Dan kollu minkejja l-istramberija tal-ilbies etniku-medjevali tagħhom, il-qomos fi stil dashiqwi u l-istrumenti mużikali magħmulin bl-idejn li jfakkruna f'xi folklor antikissmu minsi iżda xorta waħda tal-kultura pop. It-tableau ta' Missirkov/Bogdanov joffri verżjoni possibbli ta' kif tista' tiġi meqjusa u apprezzata Buzludzha diversi ġenerazzjonijiet aktar tard".<sup>21</sup>*



**RAFAL OLBINSKI (\*1945)**

il-Polonja

**LA POLOGNE DANS L'U.E.**

Iddisinjata fl-okkażjoni tal-"iżhubija"

64 x 80 cm





**NADEZHDA OLEG LYAHOVA (\*1960)**

il-Bulgarija

**MOTIF I (STATE MACHINE); EDIZZJONI 1/4, 2008**

Stampata diġitalment fuq il-karta; 59 x 64 cm

Bl-iskrizzjoni "GLOBALLY AND ON A LONG-TERM BASIS THE SITUATION IS POSITIVE"

Mixtrija mingħand l-artist fl-2011



**VASILENA GANKOVSKA (\*1978)**

il-Bulgarija

**AN AFTERNOON AT BURGGARTEN #2**

**SENSIELA "A BURGGARTEN AFTERNOON", 2007**

Pitturi biż-żejt, marker fuq il-kanvas



**BORIS MISSIRKOV (\*1971) U GEORGI BOGDANOV (\*1971)**

il-Bulgarija

**VALCHEVS FAMILY, BUZLUDZHA PEAK**

**(Mis-sensjela "Weekend 2126"; Edizzjoni ta' 3 + 1), 2008**

Stampata diġitalment bil-pigments 81 x 118 cm

Mixtri mingħand l-artisti fl-2011

## 7. ID-DEMOKRATIZZAZZJONI TAL-ARTI

L-elevazzjoni tal-arti fil-ħajja ta' kuljum, f'temi ewlenin u fi tħassib soċjali ta' bħalissa, bħar-relazzjoni bejn il-kultura u s-suq, il-movimenti migratorji jew il-familja, hija karatteristika li toħroġ b'enfasi partikolari fix-xogħlijiet magħżulin li ġejjin.

Bħalissa, l-attivazzjoni politiko-soċjali tal-arti ssib waħda mill-espressjonijiet globali l-aktar effettivi, kontroversjali u rikonoxxibbli fil-graffiti. **Knock, Knock Knocking On Heaven's Door (2007)**, ta' Jaan Elken, hija l-prodott ta' eżerċizzju vigoruż li jgħaqqad flimkien ir-riżorsi tekniċi tat-tachisme u l-graffiti. Wara perjodu iperrealist, Elken ħalla lillu nnifsu jinġibed minn dan il-fenomeno alternattiv tal-kultura tat-triq li huwa kien jara spiss meta kien jgħix fl-inħawi għetto ta' Lasnamäe, meta kellu jgħaddi minn diversi sulari mimlija b'simboli urbani qabel ma jasal fl-istudio tiegħu.

**Medicine cabinet (1992)** ta' Joep van Lieshout hija kaxxa tal-metall b'kulur griż newtrali u dehra ordinarja - riproduzzjoni li tifforma unità industrijali - ; eżempju ta' oġġett artistiku diskret u kunċettwali, fejn l-awtorija u l-personalità tal-awtur jidher ċar li huma neqsin. Madankollu, jiġi żvelat lilna bħala oġġett kontradittorju, peress li meta niftħu l-bieba tal-kaxxa, niskopru l-firma tal-artist, imħarbxha kbira mal-qiegħ.

L-artist waqqaf Atelier Van Lieshout fl-1995, studio li jsegwi metodoloġija lejn l-imminar tal-mit tal-ġenju artistiku. Bil-għan li jiproduċi arti siewja u immaġinattiva, mogħnija b'ċertu sens ta' umoriżmu u għas-servizz tas-soċjetà, Van Lieshout stabbilixxa prattika multidixiplinari li tiproduċi xogħlijiet fil-fruntiera bejn l-arti, id-disinn u l-arkitettura, li jistħarrġu l-linja fina li tifred l-arti tal-manifattura mill-produzzjoni bil-massa ta' oġġetti funzjonali.

Il-produzzjoni u l-konsum tal-ikel, ittrasformati mill-industrija relatata u mill-kummerċjalizzazzjoni fi prodotti standardizzati u ikoni tar-reklamar, huma element ċentrali f'Homage to Andy Warhol ta' Marko Blažo, li

tagħmel referenza espliċita għas-sensjela tal-1962 tal-artist Amerikan ta' 32 landa tas-soppa Campbell, li llum huwa meqjus xogħol markanti tal-arti pop. F'**Warhol 1 (2007)**, Blažo geżwer il-landa tas-soppa f'portico Greko-Ruman, bħal qoxra fuq barra li tiġbor kolloxx fiha u li tfakkarna fl-antikità Rumana u fl-arti klassika, li tissuġġerixxi xorta ta' akkoppjament bejn il-kultura klassika u l-kultura tal-massa.

Il-movimenti migratorji u l-impatt qawwi tagħhom fuq il-familji u s-soċjetajiet huma wieħed mit-temi ewlenin fil-karriera tal-artista Maltija Ruth Bianco, bi proġetti bħal **Connecting geographies** jew **Tidal dialogues and transit zones**, li jiżviluppaw prattika artistika mmexxija mir-riċerka li tagħmel mistoqsijiet dwar it-territorju u l-movimenti transfruntieri.

Il-poliptiku **Lines of migration (2020-2021)** huwa bla dubju marbutmal-**art contestataire** jew **street art**, minħabba l-użu espressiv tal-collage kif ukoll l-effettività komunikattiva tas-simboli u l-messaġġi bil-miktub lakoniċi li tippreżenta. Kif indikat l-artista nnifisha, il-kwalità artiġjanali u tattili ta' dan ix-xogħol għandha rwol vitali fil-kunċett tagħha, b'mod partikolari minħabba li dan ix-xogħol ġie prodott matul il-pandemija tal-Covid-19, meta d-dinja kellha taqqa' fuq forum ta' kuntatt mill-bogħod u biż-żamma ta' distanza soċjali.

F'**Family (2019)** ta' Edith Karlson, ir-rabtiet familjari jiġu ppreżentati minn angolu mhux tas-soltu. Karlson spiss taħdem b'karattri monstrużi jew ta' annimali, kemm jekk ikunu ġejjin minn fawna estinta jew inkella minn ikonografija medjevali ta' bestji li wara ġew riprodotti fid-dinja tal-letteratura u ċ-ċinema tal-fantasija. L-iskulturi ta' Karlson kultant ġew deskritti bħala ħrejef, speċjalment meta l-annimali jew il-ħlejjaq tagħha jingħataw karatteristiċi u mġiba umana sabiej jikkumentaw fuq is-soċjetà kontemporanja minn angolu kritiku.



### RUTH BIANCO

Malta

#### LINES OF MIGRATION, 2020-21

Diptiku b'collage - muntaġġ fuq il-karta magħmul bl-idejn

Id-daqs tal-kompożizzjoni totali inkluż l-inkwatra huwa 160 x 250 cm



**JAAN ELKEN (\*1954)**

l-Estonja

**KNOCK, KNOCK KNOCKING ON HEAVEN'S DOOR, 2007**

Akrilika fuq il-kanvas; 160 x 200 cm

Bil-firma u d-data (isfel fuq il-lemin), bit-titolu (fiċ-ċentru fuq)

Mixtrija mingħand l-artist fl-2007



**JOEP VAN LIESHOUT (\*1963)**

In-Netherlands

**MEDICINE CABINET, 1992**

Reżina Mogħtija l-Forma, 50 x 50 x 10 cm

Iffirmata (fuq ġewwa tal-bieb)

Mixtri mill-Galerie Fons Welters (Amsterdam) fl-1992



**MARKO BLAŽO (\*1972)**

is-Slovakkja

WARHOL 1, 2007

Mezzi mħalltin fuq il-kanvas,  
100 x 80 cm

Mixtrija mingħand l-artist fl-2010



**EDITH KARLSON (\*1983)**

Estonja

FAMILY, 2019

Konkos, metall, materjal imħallat

Dimensjonijiet varjabbli, għoli ta' madwar 120 cm

# NOTI

- 1 “*Il-kapaċità li jagħti isem u/jew isem ġdid lil problema hija waħda mill-aktar kisbiet effettivi ta’ xogħol artistiku, u x-xogħlijiet artistiċi jistgħu jgħinu biex jiġu identifikati problemi u ssuġġeriti soluzzjonijiet f’livell wiesa’ ferm*”. Lvova, M.: *Art and Democracy: Citizens’ Creative Energy as a Force for Social Change*. Dayton: Kettering Foundation, 2017
- 2 Kif ikkumentaw l-istudju: “Aħna ninterpretaw lil Arti għad-Demokrazija (AFD) bħala punt ta’ tluq għall-esplorazzjoni tal-interazzjoni tal-arti fir-Renju Unit mas-solidaritajiet transnazzjonali msawra mill-migrazzjoni u l-mobilizzazzjoni politika. L-istorja tal-AFD tiżvela l-festivals bħala forma u prattika li tinkludi t-tnejn ta’ strixxuni u posters, xogħlijiet tal-arti, ritratti, films, magni u ħsejjes, parteċipazzjoni, spettakli, lekċers, u slide shows minn artisti ta’ orijini diversi biex ilkoll flimkien jindirizzaw is-sitwazzjonijiet politiċi (...)”. ***Precarious Solidarities: Artists for Democracy (1974–77)***, Frar 2023. Programm ta’ avvenimenti li jinkludi taħditiet minn Cecilia Vicuña: “L-Organizzazzjoni tal-Holm” jew “L-Organizzazzjoni tal-Holm kienet il-ħolma”; Wing Chan u David Morris: “Solidarjetà Prekarja”; u Hannah Healey: “Artisti għad-Demokrazija u l-arti sperimentali bħala prattika solidari”, fost l-oħrajn. Simpożju Online permezz ta’ zoom organizzat miċ-Ċentru ta’ Riċerka Afterall, l-Università tal-Arti ta’ Londra.
- 3 **Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-28 ta’ Marzu 2019 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi l-programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 (COM(2018)0366 – C8-0237/2018 – 2018/0190(COD))**
- 4 **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta’ Janjar 2016 dwar ir-rwol tad-djalogu interkulturali, id-diversità kulturali u l-edukazzjoni fil-promozzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE (2015/2139(INI))**
- 5 **(Arkivju tal-Kollezzjoni tal-Arti tal-Parlament Ewropew)**
- 6 **ibid.**
- 7 **ibid.**
- 8 Dokumentazzjoni pprovduta mill-familja tal-artist **(L-Arkivju tal-Kollezzjoni ta’ Arti tal-Parlament Ewropew)**
- 9 **ibid.**
- 10 **ibid.**
- 11 WINTLE, Michael, “Europe on Parade”, fi SPIERING, Menno y WINTLE, Michael (Ed.): ***Ideas of Europe since 1914: The legacy of the First World War***, Palgrave Macmillan, 2002, pp. 121-124.
- 12 Bejn l-1977 u l-1982, Immendorf ħoloq sensiela ta’ pitturi, tpinġijiet, u prints bit-titolu *Café Deutschland*, li fihom l-ideoloġiji opposti tal-Ġermanja tal-Lvant u tal-Punent huma rappreżentati fuq palk metaforiku. <https://www.moma.org/collection/works/80069>
- 13 Mathews, D.: ***The Ecology of Democracy***. L-Istati Uniti tal-Amerka: Kettering Foundation Press, 2014.
- 14 “Respect, retrait, ellipse: Willie Doherty est la représentation oblique du conflit irlandais. (...) De l’oeuvre de Willie Doherty – photographies, photomontages et vidéos – est difficile de comprendre les enjeux, tant plastiques que politiques, si l’on ne rappelle pas, avec Declan MacGonagle, le sens de l’expression « longue guerre » et la définition des murals de Derry : « longue guerre » fut utilisé par le mouvement republicain irlandais pour définir le processus global dans lequel ses membres se trouvent impliqués depuis les années soixante-six, mais, comme le souligne Declan MacGonagle, l’expression se réfère également à une guerre bien plus longue – inachevable ? – menée pendant des siècles entre Anglais et Irlandais ». Dominique Baqué : ***Pour un nouvel art politique. De l’art contemporain au documentaire***, Flammarion – Champs arts, 2009, pp. 189-193.
- 15 « *Quant aux murals qui scandent les murs de Derry, et auxquels pour une part Doherty emprunte son lexique plastique, ils représentent, doublement et sur un modèle paradoxal, le langage revolté des dépossédés, des dominés, et le langage de ceux qui detiennent pouvoir et privilèges. (...)* ». **ibid.**
- 16 « Doherty a articulé l’ensemble de son oeuvre autour du conflit et de ses modalités de représentation (...) Longtemps, les productions de Doherty se présenterent sous la forme de photo-textes : des photographies, noir et blanc pour la plupart, de grand format, évoquant soit des paysages apparemment tranquilles, soit des espaces urbains soumis à la propagande, à la surveillance et au contrôle militaire, que venait barrer un texte laconique, aphoristique parfois – inscription du concept et de la revendication au cœur de la représentation. ”. **ibid.**
- 17 Alors que les autorités s’empresstent aujourd’hui d’enlever, d’effacer tout signe de conflit, la photographie de Doherty s’applique au contraire à maintenir vivant le souvenir de ce qui déchira le pays, à exiger un devoir de mémoire ». **ibid.**
- 18 <https://museummayervandenbergh.be/en/zoektocht-naar-bruegel>
- Għal aktar analiżi, ara: Bernadette Van Haute: “Dulle Ġriet” hija pittura Fjamminga tas-seklu sbatax: immaġni tad-daħk tal-kultura popolari tal-bdiewa”, ***Acta Academica*** 2011 43(2): 1-40. Repożitorju Istituzzjonali Unisa (UnisaIR), Università tal-Afrika t’Isfel.
- 19 Dak li qal **Stefan Dzhabazov** dwar **Andrey Daniel**, b’referenza għal konverżazzjoni li kellha tiġi ppubblikata fuq is-sit web [vnpemk.com](http://vnpemk.com). Ara: <https://nha.bg/en/page/exhibition-andrey-daniel---the-last-7-years-at-academia-gallery>
- 20 [https://openartfiles.bg/en/files/download/1210/181207-183127\\_NOlyahovaPDF\\_web.pdf](https://openartfiles.bg/en/files/download/1210/181207-183127_NOlyahovaPDF_web.pdf)
- 21 **Marie Bromander u Sebastian Rypson: “Negliżenza Monumentali – jew kif l-artisti Bulgari jiġġieldu l-amnesia monumentali”, 2019.** <https://independent.academia.edu/MarieBromander>

# RIŻORSI ADDIZZJONALI

## WIRJIET

*Structures de domination et de démocratie*, Centre Pompidou, Paris, 2018

*Poéticas de la democracia. Imágenes y contra-imágenes de la Transición*. Museo Nacional Centro de Arte Reina Sofía, Madrid, 2018-2020.

*Artists for Democracy* (exhibition and archival display exploring the 1970s art and activism of the collective organisation "Artists for Democracy"). Presented by England & Co at the Horse Hospital, London, 2023.

## KOTBA

Michael Wintle: "Europe on Parade" in SPIERING, Menno & WINTLE, Michael (Ed.): *Ideas of Europe since 1914: The Legacy of the First World War*, Palgrave Macmillan, 2002. (EN)

Korza, P., Schaffer, B., & Assaf, A.: *Civic dialogue, arts & culture: findings from Animating Democracy*. Washington, DC. : Americans for the Arts, 2005 (EN)

*Politik & Kunst - Kunst & Politik; Künstler und ihre Werke in den Bauten des Deutschen Bundestages in Berlin / Politics and Art - Art and Politics. Artists and Their Works in the Buildings of the German Parliament*. Edited by order of the German Bundestag, by Dr. Andreas Kaernbach and Roger Sonnewald. Edition J.J. Heckenhauer, Berlin, 2005. (DE)

Dominique Baqué: *Pour un nouvel art politique. De l'art contemporain au documentaire*, Flammarion - Champs arts, 2009 (FR)

Joëlle Zask: *Art et démocratie. Les peuples de l'art*. Collection: Intervention philosophique. Presses universitaires de France, Paris, 2014 (FR)

Iván López Munuera: *Los encuentros de Pamplona (1972) como laboratorio de la democracia* (tesis doctoral). Universidad Complutense, Madrid, 2016 (ES)

F. de Meredieu: *Histoire matérielle et immatérielle de l'art moderne et contemporain*, Larousse, 2017. (FR)

Latorre, Guisela: *Democracy on the Wall. Street Art of the Post-Dictatorship Era in Chile*, 2019 (EN)

<https://ohiostatepress.org/books/titles/9780814214022.html>

Bill Posters: *The Street Art Manual*, Laurence King Publishing, 2020 (EN)

## ARTIKLI

Robert, P. : « Les deux temps des arts visuels en démocratie: l'humanisme démocratique de l'art moderne et la démocratie praticable de l'art contemporain ». *Nouveaux Cahiers du socialisme*, 2016, (15), 67-76 (FR)

Puello, L. (2020). « Art and democracy. Exploring new ways to work creatively with citizens ». *Palobra*, 20(1), 64-74. (EN)  
<https://doi.org/10.32997/2346-2884-vol.20-num.1-2020-3225>

## SITI WEB

<https://art-collection.europarl.europa.eu/en/>

<https://www.tate.org.uk/tate-etc/issue-42-spring-2018/opinion-john-paul-stonard-art-democracy>

<https://www.tate.org.uk/visit/tate-liverpool/display/democracies>

<https://www.tate.org.uk/art/art-terms/c/community-art>

## ARTISTI EŻIBITI FIL-WIRJA

<https://www.francoiseschein.com/>

<https://www.goudielynch.fr/>

<http://hannahcollins.net/>

<https://www.twofourtwo.com/>

<https://www.jameshanley.net/>

<http://www.danwolgers.com/>

<https://www.paulgrahamarchive.com/>

<https://imma.ie/artists/willie-doherty/>

<http://www.flokasearu.eu/>

<https://www.frieze.com/article/olaf-metzel>

<https://www.antoni-clave.org/biographie/>

<https://www.missirkovbogdanov.com/>

<http://www.jaanelken.com/>

<https://www.ateliervanlieshout.com/>

<http://www.ruthbianco.com/Biodata.html>

<https://www.artnews.com/art-news/news/estonia-2024-venice-biennale-edith-karlson-1234649323/>





**FLIMKIEN  
GĦAD-DEMOKRAZIJA**

Ingħaqad ma' [flimkien.eu](https://flimkien.eu)



Flimkien.eu huwa komunità ta' nies li jemmnu fid-demokrazija u li jridu jagħtuha tifsira reali hekk kif joqorbu l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss. Dan in-network jgħaqqad lin-nies mill-Ewropa kollha biex jiltaqgħu, jaqsmu l-għarfien bejniethom u jitgħallmu ħiliet ġodda, filwaqt li jħeġġu lill-oħrajn joħorġu jivvutaw fl-2024.

